

# Il-Ġurnal Uffiċjali

## tal-Unjoni Ewropea

# C 103



Edizzjoni bil-Malti

### Informazzjoni u Avviżi

Volum 61

19 ta' Marzu 2018

Werrej

#### II *Komunikazzjonijiet*

KOMUNIKAZZJONIJIET MINN ISTITUZZJONIJIET, KORPI, UFFIĊĠI U AĠENZIJI TAL-UNJONI EWROPEA

##### **Il-Kummissjoni Ewropea**

2018/C 103/01	Ebda oppożizzjoni għal konċentrazzjoni notifikata (Il-Każ M.8816 — Goldman Sachs/Centerbridge/Robyg) <sup>(1)</sup> .....	1
2018/C 103/02	Ebda oppożizzjoni għal konċentrazzjoni notifikata (Il-Każ M.8752 — CPPIB/BHL/BGL) <sup>(1)</sup> .....	1

#### IV *Informazzjoni*

INFORMAZZJONI MINN ISTITUZZJONIJIET, KORPI, UFFIĊĠI U AĠENZIJI TAL-UNJONI EWROPEA

##### **Il-Kunsill**

2018/C 103/03	Avviż għall-attenzjoni tas-suġġetti tad- <i>data</i> li għalihom japplikaw il-miżuri restrittivi previsti fir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 356/2010 dwar miżuri restrittivi fir-rigward tas-Somalja .....	2
2018/C 103/04	Avviż għall-attenzjoni tal-persuni soġġetti għall-miżuri restrittivi previsti fid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2010/231/PESK, kif implimentata bid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (PESK) 2018/417, u fir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 356/2010, kif implimentat bir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2018/413 dwar miżuri restrittivi kontra s-Somalja .....	3

<sup>(1)</sup> Test b'rilevanza għaż-ŻEE.

## **Il-Kummissjoni Ewropea**

2018/C 103/05	Rata tal-kambju tal-euro .....	4
---------------	--------------------------------	---

## **Il-Qorti tal-Awdituri**

2018/C 103/06	Rapport Speċjali Nru 10/2018 — “Skema ta’ Pagament Bażiku għall-bdiewa — qed topera tajjeb, iżda għandha impatt limitat fuq is-simplifikazzjoni, l-immirar u l-konverġenza tal-livelli ta’ għajjnuna” .....	5
---------------	---	---

## **V Awżi**

### **PROĊEDURI AMMINISTRATTIVI**

## **Il-Kummissjoni Ewropea**

2018/C 103/07	Sejħa għall-proposti f’konformità mal-programm ta’ ħidma multiannwali għall-għoti ta’ għajjnuna finanzjarja fil-qasam tal-infrastruttura trans-Ewropea tal-enerġija fil-kuntest tal-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa għall-perjodu 2014-2020 (Id-Deċiżjoni ta’ Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (C(2018) 1615)) .....	6
---------------	--	---

### **PROĊEDURI DWAR L-IMPLIMENTAZZJONI TAL-POLITIKA TAL-KOMPETIZZJONI**

## **Il-Kummissjoni Ewropea**

2018/C 103/08	Notifika minn qabel ta’ konċentrazzjoni (Il-Każ M.8766 — LKQ/Stahlgruber) <sup>(1)</sup> .....	7
---------------	--	---

## **Rettifika**

2018/C 103/09	Rettifika tas-Sejħa għal proposti għall-2018 — Programmi multipli — Għotjiet għal miżuri ta’ għoti informazzjoni u ta’ promozzjoni rigward prodotti agrikoli implimentati fis-suq intern u fpajjiżi terzi skont ir-Regolament (UE) Nru 1144/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU C 9, 12.1.2018)	8
---------------	--	---

<sup>(1)</sup> Test b’rilevanza għaż-ŻEE.

## II

(Komunikazzjonijiet)

KOMUNIKAZZJONIJIET MINN ISTITUZZJONIJIET, KORPI, UFFIĊĠJI  
U AĠENZIJI TAL-UNJONI EWROPEA

## IL-KUMMISSJONI EWROPEA

**Ebda oppożizzjoni għal konċentrazzjoni notifikata**  
**(Il-Każ M.8816 — Goldman Sachs/Centerbridge/Robyg)**  
**(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**  
(2018/C 103/01)

Fit-12 ta' Marzu 2018, il-Kummissjoni ddeċidiet li ma topponix il-konċentrazzjoni notifikata msemmija hawn fuq u li tiddikjaraha kompatibbli mas-suq intern. Din id-deċiżjoni hi bbażata fuq l-Artikolu 6(1)(b) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004<sup>(1)</sup>. It-test sħiħ tad-deċiżjoni hu disponibbli biss fl-Ingliż u ser isir pubbliku wara li jitneħħa kwalunkwe sigriet tan-negozju li jista' jkun fih. Dan it-test jinstab:

- fit-taqsim tal-amalgamazzjoni tal-websajt tal-Kummissjoni dwar il-Kompetizzjoni (<http://ec.europa.eu/competition/mergers/cases/>). Din il-websajt tipprovdi diversi faċilitajiet li jgħinu sabiex jinstabu d-deċiżjonijiet individwali ta' amalgamazzjoni, inklużi l-kumpanija, in-numru tal-każ, id-data u l-indiċi settorjali,
- f'forma elettronika fil-websajt EUR-Lex (<http://eur-lex.europa.eu/homepage.html?locale=mt>) fid-dokument li jgħib in-numru 32018M8816. Il-EUR-Lex hu l-aċċess fuq l-internet għal-liġi Ewropea.

<sup>(1)</sup> ĠUL 24, 29.1.2004, p. 1.

**Ebda oppożizzjoni għal konċentrazzjoni notifikata**  
**(Il-Każ M.8752 — CPPIB/BHL/BGL)**  
**(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**  
(2018/C 103/02)

Fl-14 ta' Marzu 2018, il-Kummissjoni ddeċidiet li ma topponix il-konċentrazzjoni notifikata msemmija hawn fuq u li tiddikjaraha kompatibbli mas-suq intern. Din id-deċiżjoni hi bbażata fuq l-Artikolu 6(1)(b) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004<sup>(1)</sup>. It-test sħiħ tad-deċiżjoni hu disponibbli biss fl-Ingliż u ser isir pubbliku wara li jitneħħa kwalunkwe sigriet tan-negozju li jista' jkun fih. Dan it-test jinstab:

- fit-taqsim tal-amalgamazzjoni tal-websajt tal-Kummissjoni dwar il-Kompetizzjoni (<http://ec.europa.eu/competition/mergers/cases/>). Din il-websajt tipprovdi diversi faċilitajiet li jgħinu sabiex jinstabu d-deċiżjonijiet individwali ta' amalgamazzjoni, inklużi l-kumpanija, in-numru tal-każ, id-data u l-indiċi settorjali,
- f'forma elettronika fil-websajt EUR-Lex (<http://eur-lex.europa.eu/homepage.html?locale=mt>) fid-dokument li jgħib in-numru 32018M8752. Il-EUR-Lex hu l-aċċess fuq l-internet għal-liġi Ewropea.

<sup>(1)</sup> ĠUL 24, 29.1.2004, p. 1.

## IV

(Informazzjoni)

INFORMAZZJONI MINN ISTITUZZJONIJIET, KORPI, UFFIĊĠI U AĠENZIJI  
TAL-UNJONI EWROPEA

## IL-KUNSILL

**Avviż għall-attenzjoni tas-suġġetti tad-*data* li għalihom japplikaw il-miżuri restrittivi previsti  
fir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 356/2010 dwar miżuri restrittivi fir-rigward tas-Somalja**

(2018/C 103/03)

Qed tingħbed l-attenzjoni tas-suġġetti tad-*data* għall-informazzjoni li ġejja, f'konformità mal-Artikolu 12 tar-Regolament (KE) Nru 45/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill <sup>(1)</sup>:

Il-bażi legali għal din l-operazzjoni ta' pproċessar hija r-Regolament (UE) Nru 356/2010 <sup>(2)</sup>.

Il-kontrollur ta' din l-operazzjoni ta' pproċessar hu l-Kunsill tal-Unjoni Ewropea rrappreżentat mid-Direttur Ġenerali tad-DĠ C (Affarijiet Barranin, Tkabbir, Protezzjoni Ċivili) tas-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill u d-dipartiment fdat bl-operazzjoni ta' pproċessar hu l-Unità 1C tad-DĠ C li tista' tiġi kkuntattjata permezz ta' dan l-indirizz:

Council of the European Union  
General Secretariat  
DG C 1C  
Rue de la Loi/Wetstraat 175  
1048 Bruxelles/Brussel  
BELGIQUE/BELGIË

posta elettronika: [sanctions@consilium.europa.eu](mailto:sanctions@consilium.europa.eu)

L-għan tal-operazzjoni ta' pproċessar huwa l-istabbiliment u l-aġġornament tal-lista ta' persuni soġġetti għal miżuri restrittivi f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 356/2010.

Is-suġġetti tad-*data* huma l-persuni fiżiċi li jissodisfaw il-kriterji għall-elenkar kif stipulat f'dak ir-Regolament.

Id-*data* personali miġbura tinkludi d-*data* meħtieġa għall-identifikazzjoni tajba tal-persuna kkonċernata, id-Dikjarazzjoni tar-Raġunijiet u kwalunkwe *data* oħra relatata.

Id-*data* personali miġbura tista' tiġi kondiviża skont il-ħtieġa mas-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna u l-Kummissjoni.

Mingħajr preġudizzju għar-restrizzjonijiet previsti fl-Artikolu 20(1)(a) u (d) tar-Regolament (KE) Nru 45/2001, it-talbiet għall-aċċess, kif ukoll it-talbiet għal rettifika jew oġġezzjoni jiġu mwiegħa f'konformità mat-taqsima 5 tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2004/644/KE <sup>(3)</sup>.

Id-*data* personali tinżamm għal 5 snin minn meta s-suġġett tad-*data* jkun tneħħa mil-lista ta' persuni soġġetti għall-iffriżar tal-assi jew minn meta tiskadi l-validità tal-miżura, jew sakemm ikunu fis-seħħ il-proċedimenti tal-qorti f'każ li dawn ikunu nbdew.

Is-suġġetti tad-*data* jistgħu jirrikorru għand il-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-*Data* f'konformità mar-Regolament (KE) Nru 45/2001.

<sup>(1)</sup> ĠUL 8, 12.1.2001, p. 1.

<sup>(2)</sup> ĠUL 105, 27.4.2010, p. 1.

<sup>(3)</sup> ĠUL 296, 21.9.2004, p. 16.

**Avviż għall-attenzjoni tal-persuni soġġetti għall-miżuri restrittivi previsti fid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2010/231/PESK, kif implimentata bid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (PESK) 2018/417, u fir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 356/2010, kif implimentat bir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2018/413 dwar miżuri restrittivi kontra s-Somalja**

(2018/C 103/04)

L-informazzjoni li ġejja qed tinġieb għall-attenzjoni tal-persuni li jidhru fl-Anness I tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2010/231/PESK <sup>(1)</sup>, kif implimentata bid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (PESK) 2018/417 <sup>(2)</sup>, u fl-Anness I għar-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 356/2010 <sup>(3)</sup>, kif implimentat bir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2018/413 <sup>(4)</sup> dwar miżuri restrittivi kontra s-Somalja.

Il-Kumitat tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti stabbilit skont ir-Riżoluzzjonijiet 751 (1992) u 1907 (2009) tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti ddeċieda li jżid żewġ persuni mal-lista ta' persuni u entitajiet soġġetti għal miżuri restrittivi.

Dawk ikkonċernati jistgħu fi kwalunkwe ħin jippreżentaw talba lill-Kumitat tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti stabbilit skont ir-Riżoluzzjonijiet 751 (1992) u 1907 (2009) tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti flimkien ma' kwalunkwe dokumentazzjoni ġustifikattiva, sabiex id-deċiżjonijiet li jkunu inklużi fil-lista tan-NU jiġu kkunsidrati mill-ġdid. Dik it-talba għandha tintbagħat fl-indirizz li ġej:

United Nations – Focal point for delisting  
Security Council Subsidiary Organs Branch  
Room S-3055 E  
New York, NY 10017  
UNITED STATES OF AMERICA

Għal aktar informazzjoni ara: <https://www.un.org/sc/suborg/en/sanctions/751>

B'segwitu għad-deċiżjoni tan-NU, il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea ddeċieda li l-persuni u l-entità li ġew iddeżinjati mill-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti għandhom jiġu inklużi fil-lista ta' persuni u entitajiet soġġetti għal miżuri restrittivi mniżżla fl-Anness I għad-Deċiżjoni 2010/231/PESK u l-Anness I għar-Regolament (UE) Nru 356/2010 dwar miżuri restrittivi kontra s-Somalja. Ir-raġunijiet għall-indikazzjoni ta' dawk il-persuni u l-entitajiet huma mniżżla fl-entrati rilevanti f'dawk l-Annessi.

Qed tinġibed l-attenzjoni tal-persuni u tal-entità kkonċernati dwar il-possibbiltà li jitfgħu applikazzjoni mal-awtoritajiet kompetenti tal-Istat(i) Membru/i rilevanti kif indikat fuq is-siti web fl-Anness II għar-Regolament (UE) Nru 356/2010, sabiex tinkiseb awtorizzazzjoni biex il-fondi ffriżati jintużaw għal ħtiġijiet bażiċi jew pagamenti speċifiċi (ara l-Artikolu 5 tar-Regolament).

Il-persuni u l-entità kkonċernati jistgħu jippreżentaw talba lill-Kunsill, flimkien ma' dokumentazzjoni ġustifikattiva, sabiex id-deċiżjoni li jkunu inklużi fil-listi msemmija hawn fuq terġa' tiġi kkunsidrata, fl-indirizz li ġej:

Council of the European Union  
General Secretariat  
DG C 1C - Horizontal Issues  
Rue de la Loi/Wetstraat 175  
1048 Bruxelles/Brussel  
BELGIQUE/BELGIË

posta elettronika: [sanctions@consilium.europa.eu](mailto:sanctions@consilium.europa.eu)

Qed tinġibed ukoll l-attenzjoni tal-persuni u l-entità kkonċernati għall-possibbiltà li jikkontestaw id-deċiżjoni tal-Kunsill quddiem il-Qorti Ġenerali tal-Unjoni Ewropea, f'konformità mal-kondizzjonijiet stipulati fl-Artikolu 275(2) u l-Artikolu 263(4) u (6) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea.

<sup>(1)</sup> ĠUL 105, 27.4.2010, p. 17.

<sup>(2)</sup> ĠUL 75, 19.3.2018, p. 25.

<sup>(3)</sup> ĠUL 105, 27.4.2010, p. 1.

<sup>(4)</sup> ĠUL 75, 19.3.2018, p. 1.

## IL-KUMMISSJONI EWROPEA

### Rata tal-kambju tal-euro <sup>(1)</sup>

Is-16 ta' Marzu 2018

(2018/C 103/05)

1 euro =

Munita	Rata tal-kambju	Munita	Rata tal-kambju		
USD	Dollaru Amerikan	1,2301	CAD	Dollaru Kanadiż	1,6087
JPY	Yen Ġappuniż	130,21	HKD	Dollaru ta' Hong Kong	9,6476
DKK	Krona Daniża	7,4486	NZD	Dollaru tan-New Zealand	1,7002
GBP	Lira Sterlina	0,88253	SGD	Dollaru tas-Singapor	1,6182
SEK	Krona Żvediża	10,0795	KRW	Won tal-Korea t'Isfel	1 313,43
CHF	Frank Żvizzeru	1,1702	ZAR	Rand ta' l-Afrika t'Isfel	14,6899
ISK	Krona İzlandiża	122,70	CNY	Yuan ren-min-bi Ċiniż	7,7810
NOK	Krona Norveġiża	9,4910	HRK	Kuna Kroata	7,4308
BGN	Lev Bulgaru	1,9558	IDR	Rupiah Indoneżjan	16 926,64
CZK	Krona Ċeka	25,415	MYR	Ringgit Malażjan	4,8079
HUF	Forint Ungeriż	311,04	PHP	Peso Filippin	63,909
PLN	Zloty Pollakk	4,2173	RUB	Rouble Russu	70,8949
RON	Leu Rumun	4,6655	THB	Baht Tajlandiż	38,379
TRY	Lira Turka	4,8147	BRL	Real Brażiljan	4,0464
AUD	Dollaru Awstraljan	1,5860	MXN	Peso Messikan	23,0385
			INR	Rupi Indjan	79,8670

<sup>(1)</sup> Sors: rata tal-kambju ta' referenza ppubblikata mill-Bank Ċentrali Ewropew.

# IL-QORTI TAL-AWDITURI

## Rapport Speċjali Nru 10/2018

**“Skema ta’ Pagament Bażiku għall-bdiewa — qed topera tajjeb, iżda għandha impatt limitat fuq is-simplifikazzjoni, l-immirar u l-konverġenza tal-livelli ta’ għajjnuna”**

(2018/C 103/06)

Il-Qorti Ewropea tal-Awdituri b’dan tinfirmak li r-Rapport Speċjali Nru 10/2018 “Skema ta’ Pagament Bażiku għall-bdiewa — qed topera tajjeb, iżda għandha impatt limitat fuq is-simplifikazzjoni, l-immirar u l-konverġenza tal-livelli ta’ għajjnuna” għadu kif ġie ppubblikat.

Ir-rapport jista’ jiġi kkonsultat jew imniżżel mis-sit web tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri: <http://eca.europa.eu>

---

V

(Avviżi)

## PROĊEDURI AMMINISTRATTIVI

## IL-KUMMISSJONI EWROPEA

**Sejħa għall-proposti f'konformità mal-programm ta' ħidma multiannwali għall-għoti ta' għajna  
finanzjarja fil-qasam tal-infrastruttura trans-Ewropea tal-enerġija fil-kuntest tal-Faċilità Nikkollegaw  
l-Ewropa għall-perjodu 2014-2020**

**(Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (C(2018) 1615))**

(2018/C 103/07)

Id-Direttorat Ġenerali għall-Enerġija tal-Kummissjoni Ewropea, qiegħed b'dan jiftaħ sejħa għall-proposti sabiex jitqasmu għotjiet f'konformità mal-prijoritajiet u l-għanijiet definiti fil-programm ta' ħidma multiannwali fil-qasam tal-infrastruttura trans-Ewropea tal-enerġija fil-kuntest tal-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa għall-perjodu 2014–2020.

Qed jintlaqgħu proposti għal din is-sejħa:

CEF-Energy-2018-1

L-ammont indikattiv disponibbli għall-proposti magħżula fil-kuntest ta' din is-sejħa għall-proposti huwa ta' EUR 200 miljun.

L-iskadenza għall-preżentazzjoni tal-proposti hija s-26 ta' April 2018.

It-test sħiħ tas-sejħa għall-proposti huwa disponibbli fuq il-paġna web tas-sejħa għall-proposti:

<https://ec.europa.eu/inea/en/connecting-europe-facility/cef-energy/calls/2018-cef-energy-calls-proposals/2018-1-call-proposals>

---



PROCĊDURI DWAR L-IMPLIMENTAZZJONI TAL-POLITIKA  
TAL-KOMPETIZZJONI

IL-KUMMISSJONI EWROPEA

**Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni**

**(Il-Każ M.8766 — LKQ/Stahlgruber)**

**(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

(2018/C 103/08)

1. Fid-9 ta' Marzu 2018, il-Kummissjoni rċeviet notifika ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 <sup>(1)</sup>.

Dan l-avviż jikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

— LKQ Corporation ("LKQ", l-Istati Uniti tal-Amerika),

— Stahlgruber GmbH ("Stahlgruber", il-Ġermanja), ikkontrollata minn Stahlgruber Otto Gruber AG,

LKQ takkwista, fis-sens tal-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament tal-Għaqdiet, il-kontroll ta' Stahlgruber kollha kemm hi.

Il-konċentrazzjoni hija mwettqa permezz ta' xiri ta' ishma.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma:

— LKQ: il-manifattura u l-forniment ta' spare parts tal-karozzi u d-distribuzzjoni bl-ingrossa ta' spare parts tal-karozzi fiż-ŻEE. LKQ għandha wkoll xi attivitajiet ta' bejgħ bl-imnut ta' spare parts tal-karozzi u tagħmir relatat.

— Stahlgruber: il-manifattura u l-forniment ta' spare parts tal-karozzi u d-distribuzzjoni bl-ingrossa ta' spare parts tal-karozzi fiż-ŻEE.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

4. Il-Kummissjoni tistieden lil terzi persuni interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Jinħtieġ li r-referenza li ġejja dejjem tiġi speċifikata:

M.8766 — LKQ/Stahlgruber

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz tal-email, permezz tal-faks jew permezz tal-posta. Uża d-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

Email: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

Faks: +32 22964301

Indirizz tal-posta:

European Commission  
Directorate-General for Competition

Merger Registry  
1049 Bruxelles/Brussel  
BELGIQUE/BELGIË

---

<sup>(1)</sup> ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").

## RETTIFIKA

**Rettifika tas-Sejħa għal proposti għall-2018 — Programmi multipli — Għotjiet għal miżuri ta' għoti informazzjoni u ta' promozzjoni rigward prodotti agrikoli implimentati fis-suq intern u f'pajjiżi terzi skont ir-Regolament (UE) Nru 1144/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill**

(Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea C 9 tat-12 ta' Jannar 2018)

(2018/C 103/09)

Fil-paġna 33, Taqsima 3, "Skeda ta' żmien", l-ewwel sentenza:

*minflok:* "12 ta' April 2018",

*aqra:* "19 ta' April 2018".

Fil-paġna 33, Taqsima 3, "Skeda ta' żmien", fit-tabella:

*minflok:* "(d) Data ta' skadenza għas-sottomissjoni tal-applikazzjonijiet 12.4.2018",

*aqra:* "(d) Data ta' skadenza għas-sottomissjoni tal-applikazzjonijiet 19.4.2018".

Fil-paġna 43, Taqsima 8.2, "Kapaċità operattiva", it-tielet paragrafu jitħassar.

Fil-paġna 44, Taqsima 9, "Kriterji tal-għoti", it-tieni paragrafu mill-aħħar, lista enumerattiva (a), (b) u (c):

*minflok:* "... il-kriterji li ġejjin.

- (a) it-total tal-ammont previst li jifdal għat-tliet suġġetti dwar is-suq intern għandu jiġi allokati għall-proġetti li jimmiraw is-suq intern bl-ogħla punteġġ tal-kwalità, irrispettivament mis-suġġetti li għalih applikaw;
- (b) għandu jittieħed l-istess approċċ għall-proposti mmirati lejn il-pajjiżi terzi (Suġġetti 4–6);
- (c) jekk l-ammont previst jibqa' ma jiġix eżawrit, l-ammonti li jifdal kemm għas-suq intern kif ukoll għall-pajjiżi terzi għandhom jingħaqdu u jiġu assenjati għall-proġetti bl-ogħla punteġġ tal-kwalità, irrispettivament mill-prijorità u mis-suġġetti li għalih ikunu applikaw.",

*aqra:* "... il-kriterju li ġej:

it-total tal-ammont previst li jifdal għall-erba' suġġetti għandu jingħaqad u jiġi allokati għall-proġetti bl-ogħla punteġġ tal-kwalità, irrispettivament mis-suġġetti li għalih applikaw."

Fil-paġna 46, Taqsima 11.4, "Forom ta' finanzjament, spejjeż eliġibbli u mhux eliġibbli", taħt "Spejjeż eliġibbli", l-ewwel inċiż:

*minflok:* "L-ispejjeż eliġibbli (direttament u indirettament) huma indikati fil-ftehim tal-għotja (ara l-Artikolu 6, il-paragrafi 1, 2 u 3)",

*aqra:* "L-ispejjeż eliġibbli (direttament u indirettament) huma indikati fil-ftehim tal-għotja (ara l-Artikolu 6, il-paragrafi 1 u 2)".

---



ISSN 1977-0987 (elektronikus kiadás)  
ISSN 1725-5198 (edizzjoni stampata)



**L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea**  
2985 Il-Lussemburgu  
IL-LUSSEMBURGU

**MT**